MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 185/2006

**Pierina Zammit ghad-ditta Medimports**
**K.I. Num. 837348(M)**

**Vs**

**Stefan Magrin**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici nomine talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm419.79c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut rispettivament fit-23 ta' Settembru, 2004 u fis-16 ta' Dicembru, 2004 flimkien ma' l-ispejjez ta' Ittra Bonarja tal-14 ta' Settembru, 2005 u Taxxa tal-Valur Mizjud relattiva.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici nomine u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-Nota pprezentata minn Dr Andrea Micallef ghall-konvenut li biha ammetta l-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, fuq bazi ta' ammissjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm419.79c). L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------